## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. MAURO PETRILLO (KI. 66974A)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**17/01/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **MAURO PETRILLO (66974A)** Vettura: **QQZ717 PEUGEOT**
Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi
Data u Ħin: **On the 5/5/2019 at around 22:55hrs**

Post: **National Stadium rd, Ta`Qali u bnadi ohra f`dawn il-Gzejjer** Lokalita': **ATTARD**

**(1) Bhala xufier ta` vettura bil-mutur ghall-kiri, waqt li kont xoghol, inqast li tilbes it-tag ta` xufier f`post li tidher sew fuq is-sider** ( L.S. 65.11 Artiklu 130F )

**(2) Bhala sid jew bhala l-persuna inkarigata, ghamilt uzu mill-imsemmija vettura bil-mutur ghal finijiet ohra barra minn dawk li ghalihom hija licenzjata** ( LS 368.02 Artiklu 24 )

**(3) Agixxejt bhala xufier meta ma kellekx permess validu mahrug skond dawn ir-regolamenti** ( LS 499.56 Artiklu 17

**(4) Soqt vettura bil-mutur ghall-kiri meta ma` kellekx tag ta identifikazzjoni mahruga lilek mill-Awtorita** ( LS 65.11 Artiklu 130A (1) )

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 434 James Francis Scifo (affidavit) u Karen Cremona (Transport Malta);

Rat l-atti proċesswali;

Semgħet it-trattazzjoni finali;

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*L-ewwel u r-raba imputazzjonijiet*

L-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet huma entrambi ta' natura kontravvenzjonali u għalhekk suġġetti għall-perjodu ta' preskrizzjoni ta' tlett xhur ai termini tal-Art. 688(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-kontravvenzjonijiet allegatament twettqu fil-5 ta' Mejju 2019 mentri l-imputat ġie debitament notifikat biċ-ċitazzjoni fl-24 ta' Awwissu 2020. Għalhekk dawn l-ewwel żewġ imputazzjonijiet jirriżultaw li huma preskritti bit-trapass taż-żmien.

*It-tieni imputazzjoni*

L-abbli avukat difensur tal-imputat eċċepixxa ukoll il-preskrizzjoni ta' din it-tieni imputazzjoni. Il-piena abbinata mar-reat ravviżat f'din l-imputazzjoni taqa' taħt l-Art. 44(7)(f) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02. Kif ġie deċiż numru ta' drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1], l-pieni pekunjarji taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi. Għalhekk il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sejra tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni għar-raġuni msemmija.

*It-tielet imputazzjoni*

Ai termini tal-Art. 17 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56:

> '17. Ħadd ma jista' jaġixxi bħala xufier sakemm ma jkollux permess validu ta' xufier maħruġ skond dawn ir-regolamenti: Iżda x-xufiera li normalment mhumiex residenti f'Malta jkunu jistgħu jagħmlu operazzjonijiet tat-trasport b'kabotaġġ f'Malta skond il-Parti VIII ta' dawn ir-regolamenti mingħajr ma jkunu jeħtieġu permess ta' xufier.'

Mill-affidavit ta' PC 434 James F. Scifo rriżulta illi fid-data u ħin indikati fil-komparixxi l-uffiċjal waqqaf il-vettura Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni QQZ 717 wara li nnota li din għal diversi drabi kienet qed iġġorr passiġġieri meta ma' kellix il-*Y plates* imwaħħla. Ix-xufier, li nstab li kien l-imputat, ma' ppreżentax il-permess li suppost kien inħariġlu minn Transport Malta għall-ġarr tal-passiġġieri u t-*tag* tax-xufier.

---

[1] Ara fost oħrajn **Pulizija v. Carmelo Sammut** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017) u **Pulizija v. James Zammit** (App Krim 66/2021 GG, 29/11/2021)

Mix-xhieda ta' Karen Cremona (Transport Malta) rriżulta illi l-vettura in kwistjoni kienet reġistrata sabiex tintuża għall-kiri u mhux għas-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri. Inoltre l-imputat ma' kellux permess għas-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri u filfatt kien biss fl-14 ta' Jannar 2021 li huwa ottjena dan il-permess. Fit-trattazzjoni finali l-abbli avukat difensur sostna illi l-Qorti għandha tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni għaliex id-diċitura tal-imputazzjoni kif tidher fil-komparixxi ma' tindikax illi l-imputat wettaq xi reat. Il-Qorti tara illi din is-sottomissjoni m'għandhiex mis-sewwa mhux biss għaliex il-Prosekuzzjoni indikat b'mod speċifiku l-artikolu relevanti tal-liġi (u għalhekk li kieku kien hemm xi mankanza fil-kliem l-imputat xorta kien ikollu biżżejjed informazzjoni fuq liema reat kien qiegħed jiġi akkużat li wettaq) iżda ukoll għaliex il-kliem użat fl-imputazzjoni jirriflettu b'mod eżatt il-kliem użat fil-liġi.

Din l-imputazzjoni għalhekk tirriżulta ben pruvata.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet stante li huma preskritti u mit-tieni imputazzjoni stante illi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk il-pieni pekunjarji taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 humiex multi jew ammendi, wara li rat l-Artikoli 17 u 107 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 issibu ħati tat-tielet imputazzjoni. Il-Qorti tikkundannah iħallas multa ta' ħames mitt euro (€500). Stante illi fiż-żmien li kkommetta r-reat l-imputat ma' kellu l-ebda permess jew liċenzja minn Transport Malta sabiex jaġixxi bħala xufier ai termini tal-Art. 17 tal-Kap. 499.56, u kien biss ċirka għoxrin xahar wara li kiseb il-permess relattiv il-Qorti tqis li m'hijiex tenuta tordna r-revokat ta' dan il-permess.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |